Kap 555, Art. 21(2)(b); opportunità ragonevoli; komunika sustanza tal-ilment

**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 076/2018**

**RJ**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz** li qajjem eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz ghaliex, ai termini tal-Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555, l-ilmentatur ma tax opportunità ragonevoli lill-provditur tas-servizz finanzjarju sabiex jittratta l-ilment qabel ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru.

**Jikkonsidra:**

Ghalhekk, qabel xejn, l-Arbitru jrid jara jekk dan l-ilment sarx skont dak provdut fl-Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta:

Artikolu 21(2) jghid li '*l-Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att meta:*

(b) *ikun jirrizulta li l-klijent naqas milli jikkomunika s-sustanza tal-ilment lill-provditur tas-servizz finanzjarju involut u ma jkunx ta opportunità ragjonevoli*

*lill-provditur tas-servizz finanzjarju sabiex jittratta l-ilment qabel ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru.'*

Dan ifisser li mhux biss li l-ilmentatur irid ikun ressaq l-ilment tieghu quddiem l-istess provditur tas-servizz imma jrid jaghti ***'opportunità ragonevoli'*** **lill-provditur tas-servizz sabiex jittratta l-ilment tieghu**, u dan **qabe**l ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru.

Jirrizulta mill-atti processwali li l-ilmentatur baghat l-ewwel ilment tieghu lill-provditur tas-servizz fid-9 t'April 2018, filwaqt li pprezenta l-ilment quddiem l-Arbitru fis-17 t'April 2018, li jfisser li l-ilmentatur ta lill-provditur tas-servizz hamest ijiem tax-xoghol biss qabel ma pprezenta l-ilment quddiem l-Arbitru.

Il-ligi titkellem fuq ***'opportunità ragonevoli'***. Meta wiehed iqis in-natura tal-ilment, l-Arbitru ma jhossx li hamest ijiem tax-xoghol huma bizzejjed biex provditur tas-servizz ikun jista' jqis l-ilment ta' din in-natura u jaghti risposta adekwata lill-ilmentatur fi zmien daqshekk qasir.

Ghalhekk, qabel ma l-ilmentatur ghamel l-ilment quddiem l-Arbitru, ma tax opportunità ragonevoli lill-provditur tas-servizz biex iqis l-ilment tieghu.

Il-ligi hija cara li l-Arbitru ma jistax jikkunsidra kazi fejn l-ilmentatur ma jkunx ta opportunità ragonevoli lill-provditur tas-servizz finanzjarju sabiex jistharreg il-kaz tieghu u jara jekk ghandux, fil-fehma tieghu, ragun jew le.

Il-ligi dahhlet din il-procedura, li l-ilmentatur l-ewwel irid ikun ta opportunità ragonevoli lill-provditur qabel ma l-Arbitru jista' jiehu konjizzjoni tal-kaz, ghaliex il-provditur tas-servizz ghandu jinghata c-cans li jinvestiga l-kaz bl-organi interni tieghu ghaliex ikun fl-interess tieghu u tal-konsumatur li l-kaz jigi rizolt f'dan l-istadju bikri minghajr ma jkun hemm il-htiega li l-konsumatur imur quddiem l-Arbitru.

Il-provditur jaqbillu ghaliex ghandu interess, jekk xejn kummercjali, li jirrisolvi l-kaz jekk il-klijent ikollu ragun; u l-konsumatur jirbah ukoll minn rizoluzzjoni bikrija tal-ilment li jkollu ghaliex ikun solva l-kaz aktar malajr u minghajr hafna sforzi zejda.

**Ghalhekk, l-Arbitru m'ghandux triq ohra hlief li jimxi mal-Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta u jiddikjara li mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**L-ispejjez legali dwar din l-eccezzjoni huma ghall-ilmentatur.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**